MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Avviz Numru. 61/2013

**Dr Karl Briffa bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Quinel Italia s.r.l**

**vs**

**Panavik Gaming Limited (C 44372)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur nomine li gie ipprezentat nhar is-27 ta' Frar 2013 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, sitt mija u hamsa u hamsin ewro (€6,555.00) rapprezentanti drittijiet dovuti lilha in konnessjoni ma' servizzi ta' *Tests for RNG Certification* u dan kif jirrizulta mill-anness fattura mmarkata bhala 'Dok A', bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghax legali kontra l-istess socjeta' konvenuta mid-

data tal-imsemmija fattura sad-data tal-pagament effettiv, minn issa ingunta sabiex tidher in subizzjoni.
Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Marco Bonnici datata 18 ta' Marzu 2013 fol. 6 tal-process.

Illi fis-seduta tal-10 ta' April 2013 l-attur nomine pprezenta kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' April 2013 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' estera attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.**

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, sitt mija u hamsa u hamsin ewro (€6,555) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------